# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**SEDUTA TAT-30 TA' MEJJU 2019**

**Numru fuq il-lista: 3**

**Riferenza Kostituzzjonali nru 84/2016**

**Fl-Atti tar-Riferenza tat-2 ta' Settembru 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) (Magistrat Dr Paul Coppini, LL.D.) fl-atti tar-rikors guramentat nru 38/16PC fl-ismijiet:-**

**Karkanja Limited**

**vs.**

**Carmel Galea u Rose Galea**

**(K.I. 47956G u 1263G) rispettivament.**

**B'digriet tal-10 ta' Mejju 2017 gie kjamat**

**in kawza fl-atti tar-riferenza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-riferenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) fil-kawza fl-ismijiet premessi maghmula fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2016 li taqra kif gej:-

"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Carmelo Galea ghall-atturi u deher Dr. Alfred Grech ghall-konvenuti. Dr Alfred Grech b'referenza ghar-rikors tal-konvenuti tal-21 ta' Lulju 2016 jsostni illi bl-ammont ta depositu illi l-konvenut f'din il-kawza u kull konvenut f'kawza simili gie ri-infacjat biex jaghmel kontemporanjament mal-prezentata tar-risposta ghar-rikors guramentat, tenut kont l-ammont sostanzjali li qieghed jigi mgieghel jiddeposita, prattikament jaghmilha mpossibli ghalih u ghall-konvenut iehor li jsib ruhu fil-pozizzjoni tieghu biex jiddefendi ruhu adekwatament u ghalhekk jissottometti u jitlob li ssir referenza Kostituzzjonali a bazi tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu sitta(6) tal-konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Qorti billi jidrilha li din hija kwistjoni li timmerita li tigi nvestigata mill-Qrati taghna, a tenur tal-Artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni taghmel referenza lil Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddeciedi jekk il-fatt li l-konvenut f'kawza jintalab jaghmel depozitu ta' ammont li, kif inhuwa fil-kaz prezenti, jista' jlahhaq somma konsiderovoli, u l-istess konvenut ma jkunx jikkwalifika ghall-ghajnuna legali billi jkollu xi proprjeta mmobbli, imma mhux flus likwidi f'idejh li bihom jista jaghmel dan id-depositu, jikkostitwix ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u in partikolari d-dritt tas-smiegh xieraq a tenur ta' 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu sitta (6) tal-konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem. Tordna ghalhekk lir-Registratur sabiex tara li dan id-digriet jigi trasmess lir-Registratur tal-Qrati ta' Malta sabiex din ir-referenza tigi assenjata skont il-ligi.

Il-kawza tibqa differita ghas-27 ta' Settembru 2016 fid-9.00am ghall-provi tal-attur."

Rat illi b'digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Mejju 2017 gie kjamant in kawza l-Avukat Generali.

Rat it-Twegiba tal-Avukat Generali tal-1 ta' Awissu 2017.[1]

Rat l-atti.

Rat illi fis-6 ta' Awissu 2018 din ir-riferenza kostituzzjonali giet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Rat ir-**rikors tal-Avukat Generali**[2] pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi jidher li r-riferenza kostituzzjonali li trid twieġeb din l-Onorabbli Qorti nqalgħet minħabba li Carmel u Rose miżżewġin Galea sabu diffikultà biex iħallsu d-depożitu ta' €7,914.30, li talabhom ir-Reġistratur tal-Qorti biex huma setgħu jippreżentaw ir-risposta tagħhom fil-kawża ċivili, fl-ismijiet ***Karkanja Limited vs. Carmel Galea et*** **(Rik. Nru 38/2016),** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri);

2. Illi fil-**<u>21 ta' Lulju 2016</u>**, il-miżżewġin Galea kienu resqu rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) sabiex huma jiġu eżentati milli jħallsu d-depożitu ta' €7,914.30. Fl-istess rikors huma tennew li jekk il-maħfra mill-ħlas tad-depożitu ma setgħetx isir skont il-liġi, allura huma talbu biex issir riferenza kostituzzjonali fuq il-bażi li l-ammont ta' depożitu mitlub mir-Reġistratur tal-Qorti huwa tant għoli li

1 Pagna 36 tal-process

2 Pagna 461 tal-process.

kien qiegħed iżommhom milli jiddefendu l-kawża li nfetħet kontrihom u dan bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, kif imħares taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**;

3. Illi bi tweġiba mressqa fl-**1 t'Awwissu 2016**, il-kumpannija Karkanja Limited oġġezzjonat għal dawn it-talbiet tal-miżżewġin Galea;

4. Illi eventwalment, inżammet seduta fit-**2 ta' Settembru 2016** u billi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) dehrilha li l-kwistjoni kostituzzjonali marbuta mal-ammont ta' depożitu li ġiet mqanqla mill-miżżewġin Galea ma kinitx waħda ta' natura frivola u vessatorja, hija fittxet l-għejun mingħand il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex din tgħidilha jekk f'dan il-każ hemmx ksur ta' smigħ xieraq minħabba li l-miżżewġin Galea mgħandhomx flus kontanti biex iħallsu d-depożitu u lanqas ma jistgħu jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-għajnuna legali minħabba li għandhom numru ta' ġid immobbli fil-patrimonju tagħhom;

5. Illi minħabba f'hekk, b'dikriet mogħti fl-istess seduta tat-2 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) bagħtet din ir-riferenza kostituzzjonali li issa tinsab quddiem din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi l-esponent Avukat Ġenerali jifhem li billi r-riferenzi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex isiru għall-għanijiet akkademiċi iżda biex jiġu solvuti intoppi li jinqalgħu f'kawżi ordinarji, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) kienet bagħtet ir-riferenza kostituzzjonali għaliex hija ma setgħetx tissokta bil-kawża qabel tieħu l-gwida tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dan il-kuntest, wieħed ma jridx jinsa li l-fakoltà tar-riferenza kostituzzjonali mhijiex tal-partijiet li qed jissieltu fil-kawża iżda tal-Qorti riferenti biss (ara *inter alia* ***Glenn Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et***, Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Lulju 2000, ***Nazzareno Galea et vs. Giuseppe Briffa et***, Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru 2001 u ***The Police vs. Nelson Arias***, Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Settembru 2012);

7. Illi tabilħaqq, minkejja li suppost skont l-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** kif mifhum fil-ġurisprudenza tagħna (ara *inter alia*, ***Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale vs. Avukat Ġenerali***, Qorti Kostituzzjonali tal-1 ta' Ġunju 2001 u ***Avukat Ġenerali et vs. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin et***, Qorti tal-Appell tal-24 ta' Novembru 2017), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) kellha tissoprassjedi u twaqqaf il-proċeduri ċivili ladarba kienet saret riferenza kostituzzjonali, madankollu l-kawża baqgħet għaddejja bil-kors normali tagħha u llum din tinsab differita għall-31 ta' Jannar 2019 għall-provi li fadal tal-miżżewġin Galea;

8. Illi jidher li l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) setgħet tkompli bla xkiel, mingħajr il-ħtieġa li toqgħod tistenna t-tweġiba kostituzzjonali ta' din l-Onorabbli Qorti, minħabba l-fatt li kif jidher mill-affidavit ta' **<u>Anthony Mizzi, Assistent Reġistratur fil-Qorti ta' Għawdex</u>**, Carmel Galea kien ħallas id-depożitu ta' €7914.30 fis-26 ta' Settembru 2016. Il-ħlas sar erbgħa u għoxrin jum wara li saret ir-riferenza kostituzzjonali;

9. Illi b'xorti ħażina, l-Avukat Ġenerali ma kellux dehen ta' dan il-fatt meta huwa kien qed jikteb it-tweġiba tiegħu għar-riferenza kostituzzjonali iżda dan kien fatt li sar magħruf lilu waqt it-tlugħ tal-provi f'dawn il-proċeduri, partikolarment meta ġie mressaq l-affidavit tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Frar 2018;

10. Illi fil-fehma tal-Avukat Ġenerali ladarba d-depożitu ġie mħallas mill-miżżewġin Galea u ladarba l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) mhijiex qegħda tistenna l-eżitu tar-riferenza kostituzzjonali, tant li l-kawża ċivili waslet lejn il-fażi finali tagħha għaliex din qegħda għall-provi li fadal tal-miżżewġin Galea, allura ma baqax aktar skop u lanqas ħtieġa għalfejn din l-Onorabbli Qorti għandha tissokta biex twieġeb għar-riferenza kostituzzjonali;

11. Illi huwa bil-wisq ċar, li l-kwistjoni kostituzzjonali saret biss biex ma jitħallasx id-depożitu ħalli b'hekk il-miżżewġin Galea jkunu jistgħu jitħallew idaħħlu t-tweġiba bil-miklub tagħhom u b'hekk jinfetħilhom l-aċċess ġudizzjarju ħalli jkunu jistgħu jikkontestaw il-kawża mibdija kontrihom mill-kumpannnija Karkanja Limited. Darba li issa d-depożitu tħallas u l-aċċess għall-kontestazzjoni tal-kawża nfetaħ beraħ, l-iskop wara r-riferenza kostituzzjonali magħmula fit-2 ta' Settembru 2016 intemm għalkollox;

12. Illi kif tajjeb ġie mpoġġi mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Edgar Blundell et vs. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fl-20 ta' Marzu 2000, qorti b'setgħat kostituzzjonali hija, "*prekluża milli tikkonsidra l-kwistjoni dwar ksur ta' xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet lilha riferita, jekk din ma tkunx rilevanti u tkun għal kollox estraneja għall-mertu tal-proċeduri li fihom il-kwistjoni tkun ġiet imqanqla, u li allura deċiżjoni dwarha ma tkunx tenħtieġ biex il-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza tkun tista' tiddisponi mill-mertu*";

13. Illi sewwasew fil-każ tal-lum, huwa manifest li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) mgħandhiex aktar bżonn tad-direzzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeċiedi l-mertu tal-każ ċivili li għandha quddiemha għaliex l-intopp tal-ħlas tad-depożitu ssolva ruħu qabel ma din l-Onorabbli Qorti mqar laħqet wieġbet għar-riferenza kostituzzjonali;

14. Illi għalhekk ladarba l-problema kostituzzjonali li tfaċċat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) illum ġiet megħluba, l-esponent ma jarax għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha għalfejn tkompli biex twieġeb għal din ir-riferenza kostituzzjonali;

15. Illi naturalment jekk il-miżżewġin Galea jħossu li huma batew xi vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tagħhom għax ħallsu d-depożitu, huma għandhom kull jedd li jekk iridu jieħdu l-passi legali li ttihom il-liġi –

għalkemm għall-esponent Avukat Ġenerali ma seħħet l-ebda sura ta' vjolazzjoni;

16. Illi żgur però, fil-kuntest tal-proċeduri ċivili, fl-ismijiet ***Karkanja Limited vs. Carmel Galea et (Rik. Nru 38/2016)***, li hemm mexjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), il-problema li minħabba fiha tqanqlet ir-riferenza kostituzzjonali, illum spiċċat u għalhekk l-esponent jemmen li din l-Onorabbli Qorti għandha twieġeb lura lill-Qorti riferenti li l-iskop tar-riferenza kostituzzjonali llum jinsab eżawrit;

**GĦALDAQSTANT** għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex twieġeb lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), li minħabba l-ġrajjiet li seħħew wara li saret ir-riferenza kostituzzjonali, illum m'għadx hemm aktar il-ħtieġa jew l-interess ġuridiku sabiex tiġi mwieġba r-riferenza kostituzzjonali mibgħuta fit-2 ta' Settembru 2016 u dan taħt dawk id-direttivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa li timponi.

Rat **ir-risposta ta' Carmel Galea u Rose Galea**[3] pprezentata fl-14 ta' Jannar, 2019 fejn jinghad kif gej:

Illi a kuntrarju ta' dak li qed jgħid l-Avukat Generali l-mistoqsija riferuta mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għadha pertinent u għandha tiġi mwieġba minn dina l-Onorabbli Qorti u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi mil-provi prodotti fil-proċedura odjerna jirriżulta illi sabiex irenxxielhom iħallsu l-ammont ta' €7,914.30 sabiex jintavolaw ir-risposta tagħom, l-esponenti kellhom jisselfu dawn il-flus mingħand terzi. Mil-prova jirriżulta ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-esponenti mhix waħda tajba u dana peress li jinsabu fid-dejn mal-bank. Dan id-dejn kien fuqhom qabel ma ġiet intavolata l-kawża li minnha saret ir-referenza de quo.

3 Pagna 467 tal-process.

Sabiex ħallsu lir-reġistratur huma kellhom jkomplu jarrekkaw aktar djun bi preġudizzju għall-pożizzjoni finanzjarja tagħhom.

1. F'każ illi t-tweġiba ta' dina l-Onorabbli Qorti tkun propju li issib li l-fatt li l-konvenut intalab jagħmel depożitu ta' ammont ta' somma konsiderovoli ta' flus jikkostitwixxi ksur ta' drittjiet b'hekk jamiljora l-problema finanzjarja tiegħu.

2. L-Avukat Ġenerali qed joħloq dan l-inċident propju meta l-kawża waslet fl-aħħar tagħha u hija prattikament mitmuma f'dak li jirrigwarda ġbir ta' provi. Ma hemm ebda sens għalfejn l-Avukat Ġenerali jqajjem dan l-inċident propju f'dan l-istadju tal-proċeduri.

   Skond l-Avukat Ġenerali, huwa inġab a konoxxenza tal-fatt li l-esponenti irnexxilhom iħallsu l-ammont mitlub mir-reġistratur propju fis-6 ta' Frar 2018. Jingħad illi minn dakinhar sad-data li fiha qajjem l-ilment odjern għaddew kważi sena u fil-mori saru erba' seduti propju fit-8 ta' Marzu 2018, fl-10 ta' April 2018, fis-16 ta' Mejju 2018 u fl-20 ta' Ġunju 2018 u għal xi raġuni qatt ma qajjem l-inċident odjern, iżda a kuntrarju **baqa' jġib il-provi tiegħu**.

   Ictu oculi jidher li l-Avukat Ġenerali qed jipprova jieħu xi tip ta' vantaġġ bil-fatt li saret bidla fil-ġudikant sedenti u dana peress li din hija propju l-unika bidla fiċ-ċirkostanzi li saret mil-ġurnata li inġab a konjizzjoni tal-pagament versat sal-ġurnata li qajjem l-inċident odjern (l-ewwel seduta tal-Qorti hekk kif komposta kienet fis-17 ta' Ottubru 2018).

3. Illi raġuni oħra għalfejn din l-Onorabbli Qorti għandHa twieġeb il-mistoqsija magħmula mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) huwa għaliex f'każ li l-esponenti jiġu biex jintavolaw appell jew inkella jiġu sabiex jwieġbu għal xi appell li jista' jagħmel l-kontro-parti Karkanja Ltd., l-esponenti sejrin jerġgħu jiġu rinfaċċati bl-istess problema u dana peress li sabiex jitħallew jintavolaw rikors tal-appell jew jirrispondu huma sejjer

ikollhom jerġgħu jivversaw pagament ieħor. Il-ħlasijiet li jkunu dovuti f'dawn il-każijiet jiġu komputati mir-reġistratur a bażi ta' formola simili li tieħu in konsiderazzjon l-ammont mitlub mil-attur Karkanja Ltd hekk kif indikat fir-rikors promotur tiegħu. B'hekk ir-risposta ta' dina l-Onorabbli Qorti sejra tkun tissorvola kwistjoni li tista' terġa tinqala' propju fl-istess proċeduri.

4. Ħarsa lejn ir-risposta ġuramentata tal-esponenti jirriżulta li r-Reġistratur niżżel is-segwenti notamenti fil-jum tal-preżentata tar-risposta tal-esponenti:

"Id-dritt tar-reġistratur mhux qiegħed jiġi mħallas mal-presentata. Il-konvent qiegħed jiġi mgħarraf li huwa tenut iħallas dan id-dritt sa lejliet l-ewwel smiegħ. Hu qiegħed jgħid li se jipprżenta rikors biex jiġi eżentat mill-ħlas fl-ammont intier".

Dan ifisser illi minkejja li l-esponenti ivversaw il-ħlas rikjest mir-Reġistratur, dan il-pagament sar wara d-data indikata mil-istess Reġistratur. Dan l-istat ta' fatt teknikament jpoġġi lill-esponenti fi stat ta' kontumaċja u dana peress li l-preżentata tar-risposta ġuramentata saret b'mod irregolari u irritu.

Jekk dina l-Onorabbli Qorti issib li t-talba għall-ħlas ta' €7,914.30 tilledi d-drittijiet tal-esponenti, l-istess esponenti jkollhom l-irregolarita tagħom issanata u dana peress li jkunu ġustifikati billi ma għamlux il-pagament mitlub lilhom fiż-żmien li ġie stipulat mir-Reġistratur tal-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu 2019 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghal provvediment dwar ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Novembru 2018.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Illi fit-2 ta' Settembru 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali), laqghet it-talba tal-konvenuti Galea sabiex issir referenza kostituzzjonali, kien ghalhekk li bghatet is-segwenti referenza:

*"......sabiex tiddeciedi jekk il-fatt li l-konvenut f'kawza jintalab jaghmel depozitu ta' ammont li, kif inhuwa fil-kaz prezenti, jista' jlahhaq somma konsiderevoli, u l-istess konvenut ma jkunx jikkwalifika ghall-ghajnuna legali billi jkollu xi proprjeta immobbli, imma mhux flus likwidi f'idejh li bihom jista' jaghmel dan id-depozitu, jikkostitwixi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u in partikolari d-dritt ta' smigh xieraq a tenur tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem.*

*Il-Qorti billi jidrilha li din hija kwistjoni li timmerita li tigi nvestigata mill-Qrati taghna, a tenur tal-Artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni taghmel referenza lil Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddeciedi jekk il-fatt li l-konvenut f'kawza jintalab jaghmel depozitu ta' ammont li, kif inhuwa fil-kaz prezenti, jista' jlahhaq somma konsiderovoli, u l-istess konvenut ma jkunx jikkwalifika ghall-ghajnuna legali billi jkollu xi proprjeta mmobbli, imma mhux flus likwidi f'idejh li bihom jista jaghmel dan id-depositu, jikkostitwix ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u in partikolari d-dritt tas-smiegh xieraq a tenur ta' 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu sitta (6) tal-konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem. Tordna ghalhekk lir-Registratur sabiex tara li dan id-digriet jigi*

*trasmess lir-Registratur tal-Qrati ta' Malta sabiex din ir-referenza tigi assenjata skont il-ligi.".*[4]

Illi din ir-referenza kostituzzjonali saret ai termini tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 4 (3) tal-Kap 319 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kaptioli 319) li rispettivament jipprovdu dan li gej:

"**46. (3)** Jekk f’xi proċeduri f’xi qorti li ma tkunx il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta’ dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."

"**4. (3)** Jekk f’xi procediment f’xi Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni."

Jirrizulta illi s-socjeta Karkanja Limited istitwiet proceduri civili quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni

4 Pagna 32 tal-process.

Generali), kontra l-konvenuti Galea rigwardanti bejgh ta' plot u li dan il-bejgh qatt ma sehh nonostante li Galea weghdu l-bejgh taghha lis-socjeta rikorrenti. Illi mill-kopja tar-rikors guramentat tal-azzjoni civiliipprezentat f'din il-kawza jirrizulta li dak li qieghed jintalab huwa l-ammont ta' flus li thallsu fuq il-konvenju u cioe is-somma ta' miljun, wiehed u sebghin elf, hames mija u hdax-il ewro u sebghin centezmu (€1,071,511.70).

Illi l-konvenuti Galea gew infurmati mir-Registratur tal-Qorti li sabiex jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom kien jehtieg li huma jhallsu sebghat elef, disgha mija u erbghatax-il ewro u tlettin centezmu (€7,914.30). Mill-atti pprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri jirrizulta li fid-19 ta' Lulju 2016 il-konvenuti inghataw il-permess jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom minghajr ma jhallsu d-dritt tar-registru dak il-hin u gew gwidati li huma ghandhom ihallsu d-dritt sa lejliet l-ewwel seduta. L-ewwel seduta li nzammet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurispdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) fit-2 ta' Settembru 2016 u cioe meta saret ir-referenza kostituzzjonali odjerna; din il-Qorti tosserva li sa dak il-mument id-dritt registru kien ghadu ma giex imhallas. Mill-affidavit tal-Assistant Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex Anthony Mizzi pprezentat f'dawn il-proceduri fis-6 ta' Frar 2018[5] jirrizulta li fil-fatt il-konvenuti ghamlu l-hlas tad-dritt regsitru permezz ta' *bank draft* fis-26 ta' Settembru 2016, erbgha u ghoxrin gurnata wara li saret ir-referenza kostituzzjonali.

Illi din il-Qorti kemm diversament presjeduta kif ukoll minn Awissu 2018 'il quddiem kif issa presjeduta kienet dejjem sprovvista mill-process tal-proceduri civili quddiem il-Qorti Riferenti  Minn ricerka fuq is-sistema tal-*eCourts* jirrizulta li l-proceduri civili tkomplew minghajr l-ebda intopp tant li skont l-ahhar verbal disponibbli fuq is-sistema imsemmija u cioe tat-23 ta' Mejju 2019 il-kawza civili tinsab differita ghall-24 ta' Ottubru 2019 sabiex fil-mori tad-differiment isir skambju ta' noti ta' osservazzjonijiet.

5 Pagna 147 tal-process.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-rikors tieghu in ezami l-Avukat Generali qieghed jecceppixxi illi gialadarba l-proceduri civili baqghu ghaddejjien minghajr xkiel ta' xejn tant li waslu fi stadju tant avvanzat, ma jirrizultax li fadal il-htiega ghal din ir-referenza. Jispjega wkoll li referenzi kostituzzjonali ma jsirux ghal ghanijiet akkademici izda biex jigu solvuti kwistjonijiet li jinqalghu f'kawza ordinarja li t-trattazzjoni ulterjuri taghha tkun tehtieg decizzjoni fuq ilment ta' natura kostituzzjonali intimament konness mal-mertu li jrid jigi deciz fil-kawza civili. Min-naha taghhom l-konvenuti Galea jistriehu fost ohrajn fuq il-fatt li jekk tintlaqa l-mistoqsija, il-posizzjoni finanzjarja taghhom timmeljora. Jsostnu wkoll illi decizzjoni dwar ir-referenza tkun rilevanti jekk 'il quddiem jigi ntavolat appell mid-decizzjoni eventwali tal-Qorti referenti.

Illi gie ritenut diversi drabi mill-qrati Kostituzzjonali illi l-mertu tar-referenza kostituzzjonali ghandu jkollu rabta mal-mertu tal-proceduri li jkunu qed jinstemghu quddiemha. B'dan illi ghalhekk li r-rabta tant tkun qawwija li l-qorti riferenti ghandha tieqaf tisma' l-kawza quddiemha u tistenna sakemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) jew il-Qorti Kostituzzjonali tghaddi sabiex tirrispondi l-mistqosija riferita. Dan huwa kristallizat minn dak li l-**Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319** jipprovdu u cioe' li **'il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni**'.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Glenn Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Kost. Nru 721/1999) deciza fil-31 ta' Lulju 2000 spjegat li:

> "(e) Din ir-rabta inxindibbli bejn il-kwistjoni kostituzzjonali li tkun qamet u li tkun tirrikjedi riferenza u l-mertu fil-proceduri pendenti quddiem xi Qorti li ma tkunx Prim'Awla jew Qorti Kostituzzjonali,

hi ta' l-essenza ta' dan is-subinciz kif hi wkoll ta' l-essenza li r-riferenza li kellha ssir minn dik il-Qorti quddiem il-Prim'Awla, kellha tirrifletti bi precizjoni l-kwistjoni li tkun qamet quddiemha, li fil-fehma taghha t-tqanqil taghha ma kienx sempliciment frivolu jew vessatorju, u wkoll li din kienet tirrikjedi li tigi determinata mill-Qorti kompetenti qabel ma setghet tipprocedi bis-smiegh tal-proceduri quddiemha u bid-determinazzjoni ta' dak il-mertu. Dan proprju ghaliex biex tiddetermina u tiddeciedi dak il-meritu, hi kienet tehtieg qabel xejn id-direzzjoni ta' l-organu gjudizzjarju kompetenti fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha, liema decizjoni kienet marbuta ssegwi.[6]

[...]

Din is-sottomissjoni ta' l-appellati hi korretta sal-punt biss illi l-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'talba ghas-soprasessjoni u kienet libera li tilqa' tali talba jew ma tilqaghhiex. Kienet hekk libera, pero', proprju ghaliex il-kwistjoni kostituzzjonali ma kenitx giet imqanqla quddiemha imma giet imqanqla quddiem Qorti ohra u cioe' quddiem organu gjudizzjarju kostituzzjonali, direttament, u t-talba ghas-soprasessjoni kienet maghmula skond ir-regoli tad-dritt procedurali ordinarju li, f'certi cirkostanzi, jaghtu l-Qorti d-dritt li jieqfu mis-smiegh ta' kawza pendenti l-ezitu ta' mertu konness quddiem Qorti ohra. Ma kenitx allura din is-soprasessjoni imposta fuq il-Qorti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, bis-subinciz 3 ta' l-Artikolu, dik cioe' li kienet tesigi li l-Qorti tieqaf meta taghmel riferenza lill-organu gjudizzjarju kostituzzjonali pendenti l-ezitu ta' dawk il-proceduri proprju ghaliex kellha tkun gwidata, meta tiddisponi mill-kwistjoni kostituzzjonali quddiemha, skond dik id-decizjoni.[7] "

6 Sottolinejar tal-Qorti.
7 *ibid.*

Illi sentenza ohra li tissottolinea l-htiega li ghandu jkun hemm rabta bejn ir-referenza kostituzzjonali u l-mertu tal-kawza quddiem il-Qorti referenti li jkollha tieqaf pendenti l-ezitu tar-referenza kostituzzjonali hija s-sentenza moghtija wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Gatt et** (App Cili 626/1997/2) deciza fit-18 t'Ottubru 2006:

> "Ghall-kuntrarju, jidher car ghal din il-Qorti li l-procedura ta' referenza kostituzzjonali hija intimament konnessa mal-kawza u l-proceduri li minnhom tkun twieldet. Infatti, fil-kaz odjern, in-ness bejn iz-zewg proceduri johrog car mill-fatt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif kienet obbligata li taghmel, ghamlet zmien konsiderevoli tistenna l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Li kieku kien mod iehor u z-zewg proceduri quddiem iz-zewg Qrati kienu awtonomi u indipendenti minn xulxin, kif qieghed isostni l-appellant, l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien ikompli jinstema' irrispettivament minn dak li kien qed isir quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. In-ness bejn iz-zewg procedimenti johrog ukoll mill-kliem stess ta' l-Artikolu 4(3) fuq citat **"...il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni."**
>
> Differenti hafna kien ikun il-kaz kieku l-proceduri kostituzzjonali, minflok b'referenza, kienu rrizultaw li nbdew b'rikors ta' l-appellant direttament quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. F'dan l-ahhar kaz, il-proceduri kienu jkunu verament independenti u awtonomi mill-proceduri li minnhom kienu joriginaw. Din il-Qorti jidhrilha li huwa korrett u f'loku l-kumment li ghamel l-appellat Kummissarju tal-Pulizija (ara fol. 73) meta sostna li: *"Illi ghad-differenza ta' proceduri kostituzzjonali mibdija b'rikors, referenza kostituzzjonali hija intimament konnessa mal-kawza li minnha tkun saret. Jekk il-kawza li minnha saret referenza tispicca ghal kwalunkwe raguni tispicca ukoll kull raguni ghal biex titkompla r-riferenza billi din qatt ma jista' jkollha effett fuq procedura mitmuma."*

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza awtorevoli appena citata, il-Qorti tosserva illi fil-verita' l-mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna ma hux konness mal-mertu tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti riferenti. Il-fatt li l-proceduri quddiem il-Qorti referenti komplew minghajr l-ebda xkiel tant li waslu fl-istadju tal-iskambju tan-noti ta' osservazzjonijiet hija turija cara illi r-referenza kostituzzjonali ma kienet tinpingi bl-ebda mod fuq il-mertu tal-kawza; ma kien hemm l-ebda ness bejn il-mertu u r-referenza tant li l-proceduri civili resqin lejn il-konkluzzjoni taghhom fil-prim istanza..

Il-konvenuti Galea jissottomettu illi ezitu favur taghhom fir-referenza kostituzzjonali tista' tkun ta' beneficcju ghalihom jekk ikun mehtieg 'il quddiem li jintavolaw appell mis-sentenza eventwali fil-kawza pendenti. Pero' tali sottomissjoni ma fiha l-ebda fondament legali. Ir-referenza kostituzzjonali mhiex hemm ghal ghan li qed jippretendu l-konvenuti Galea izda sabiex tkun ta' gwida lill-Qorti li trid tiddeciedi l-mertu li minnu qamet il-htiega tar-referenza kostituzzjonali. Ic-cirkostanzi fil-kaz odjern ma jissodisfawx il-kriterji mehtiega ghal referenza kostituzzjonali.

Ferm il-premess, il-konvenuti Galea ghandhom dejjem id-dritt illi jekk jidhrilhom iressqu il-lanjanza ta' natura kostituzzjonali taghhom billi jadixxu direttament il-Qorti kompetenti f'materja ta' allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-objezzjoni mressqa mill-Avukat Generali hija fondata tenut kont illi huwa karenti l-fondament legali ghal referenza kostituzzjonali ghar-ragunijiet fuq imsemmija fosthom illi wara li saret ir-referenza kostituzzjonali l-konvenuti Galea effettivament hallsu d-dritt tar-registru applikabbli ghar-risposta guramentata minnhom ipprezentata. Huwa aktar milli evidenti illi dak mitlub fir-riferenza bl-ebda mod m'hu ser jincidi fuq id-decizzjoni eventwali li ser tiehu il-Qorti riferenti u dan b'referenza ghas-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 u ghas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-Avukat Generali mressqa bir-rikors tat-30 ta' Novembru 2018 u tiddikjara illi minhabba l-grajjiet li sehhew wara li saret ir-riferenza kostituzzjonali, illum m'ghadx hemm aktar il-htiega jew l-interess guridiku sabiex tigi mwiegba r-riferenza kostituzzjonali fuq imsemmija.

Ghaldaqstant tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex igib dan il-provvediment a konjizzjoni tal-Qorti Riferenti.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**